**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/046 |
| **Allegazzjoni:** | Assenjazzjoni ta' impjegati tas-segretarjat biex iservu f'uffiċċji tal-kostitwenza |
| **Ilmentatur:** | Il-Professur Arnold Cassola (l-ewwel ilment)<br>Dr Robert Aquilina f'isem l-għaqda voluntarja Repubblika (it-tieni lment) |
| **Data tal-Ilment:** | 20 ta' Marzu 2023 (l-ewwel ilment)<br>27 ta' Marzu 2023 (it-tieni lment) |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 25 ta' April 2025 |

**L-Ilmenti**

1. Fl-20 ta' Marzu 2023, il-Prof. Arnold Cassola (l-Ewwel Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju biex jitlob investigazzjoni tal-Onor. Silvio Schembri, li dak iż-żmien kien il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, u llum huwa l-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi. L-email tal-Ewwel Ilmentatur hija annessa ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

2. L-Ewwel Ilmentatur irrefera għal artiklu tal-ġurnal elettroniku *The Shift* intitolat "*Schembri admits using ministerial staff for his personal constituency offices*", li ġie ppubblikat dakinhar stess.[1] Skont dan l-artiklu, il-Ministru Schembri ammetta fil-Parlament li kien qed jibgħat membri tas-segretarjat privat tiegħu biex jaraw il-kostitwenti fl-uffiċċju personali tiegħu f'Ħal Luqa. L-Ewwel Ilmentatur talab investigazzjoni abbażi ta' din l-allegata ammissjoni.

[1] Ara https://theshiftnews.com/2023/03/20/schembri-admits-using-ministerial-staff-for-his-personal-constituency-offices/.

3. Fis-27 ta' Marzu 2023, Dr Robert Aquilina, dak iż-żmien President tal-għaqda voluntarja Repubblika (it-Tieni Ilmentatur), kiteb lil dan l-Uffiċċju f'isem l-għaqda biex jitlob investigazzjoni tal-istess materja. Huwa rrefera għall-artikolu 4.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). L-ittra tiegħu hija annessa ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument B**.

4. Fl-ittra tiegħu, it-Tieni Ilmentatur talab ukoll li tiġi investigata allegazzjoni li l-Ministru Schembri kien qed jibbenefika mill-użu ta' propjetajiet ta' kuntratturi bħala uffiċċji tal-kostitwenza. Din il-kwistjoni qegħda tiġi indirizzata separatament u mhijiex is-suġġett ta' dan ir-rapport.

**Il-Kuntest**

5. Fit-12 ta' Marzu 2023, *The Shift* ippubblikat artiklu intitolat "*Revealed: Lands Minister's links to developer set to acquire public land in Mellieha worth millions*".[2] Dan l-artiklu allega li l-Ministru Silvio Schembri kien qed juża propjetà ta' żviluppatur bħala uffiċċju tal-kostitwenza f'Ħal Luqa. L-artiklu qal fost affarijiet oħra li "*Neighbours have informed The Shift that the minister and several staff members have been using the office for at least two years since the block was completed for constituents to meet the minister who lives in the same locality*."

6. Waqt is-seduta parlamentari tas-16 ta' Marzu 2023, l-Onor. Rebekah Borg staqsiet lill-Ministru Schembri jekk l-uffiċċju tal-kostitwenza f'Ħal Luqa kienx tiegħu personalment u, jekk le, mingħand min kien jikrih u b'liema kera. Fit-tweġiba tiegħu il-Ministru rrefera għall-ordni 26 tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati, li jgħid li interpellanzi (mistoqsijiet parlamentari) jistgħu isiru lil kull ministru "*dwar ħwejjeġ pubbliċi*".[3]

7. Ftit aktar tard waqt l-istess seduta, l-Onor. Borg għamlet mistoqsija oħra: "*Peress li jidher skomdu l-Ministru jirrispondi l-mistoqsija li għamiltlu qabel, jista' forsi jgħidilna jekk hemmx impjegati mill-ministeru tiegħu li jmorru jiftħu dan l-uffiċċju fil-kostitwenza ta' Ħal Luqa? Grazzi.*"

---

[2] Ara https://theshiftnews.com/2023/03/12/revealed-lands-ministers-links-to-developer-set-to-acquire-public-land-in-mellieha-worth-millions/.

[3] L-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati huma aċċessibbli minn https://legislation.mt/eli/sl/const.2/mlt.

8. Il-Ministru Schembri reġa' wieġeb b'riferenza għall-ordni permanenti 26: *"f'dan il-Parlament għandna Standing Orders. Nissuġġerilek li tarahom, u tikkwotah. Standing Order 26."*

9. L-Onor. Dr Beppe Fenech Adami intervjena fuq punt ta' ordni u allega li l-Ministru Schembri kien qed jiżvija l-Kamra, għaliex l-ordni 26 ma kienx jeskludi din il-mistoqsija.

10. Ftit aktar tard, l-Onor. Rebekah Borg għamlet mistoqsija oħra lill-Ministru Schembri. Hija qalet:

> *Ħa nispjegalu l-Ministru, peress li għadni ġdida hawn ġew, x'tgħid l-Istanding Order 26. Li jiena, jiena u l-membri parlamentari kollha hawn ġew, jistgħu isaqsu fuq ħwejjeġ pubbliċi, allura nerġa' nagħmillek il-mistoqsija, l-impjegat tal-ministeru tiegħek, li huma parti mill-ħwejjeġ pubbliċi, jistgħu, tgħidilna inti, jekk jiftħux l-uffiċċju tiegħek tal-kostitwenza f'Ħal Luqa?*

11. Il-Ministru Schembri wieġeb hekk:

> *Ara, jiena, bħal kull ministru ieħor, għandek uffiċjali li jaħdmu miegħek bħala segretarjat. Segretarjat qegħdin proprju hemmhekk biex jassistuk fil-ħidma tiegħek. Il-ħidma tiegħek tikkonsisti wkoll li tibqa' viċin in-nies. Issa din jiena nifhem li l-Partit Nazzjonalista, il-Partit, il-Partit Nazzjonalista, għalih ittih ġewwa li aħna nibqgħu viċin in-nies imma aħna issa ngħidlek, iva, ħa nibqgħu viċin in-nies, nibqgħu niftħu l-uffiċċji tagħna, jidher li l-uffiċċji tagħna qed idejqukom għaliex qed noħorġu aħna ħafna ħidma* [...] *u għalhekk ngħidlek illi ħa nibqgħu eħe naħdmu, u l-ħaddiema, nirringrazzja l-ħaddiema kollha tas-segretarjat u l-ħaddiema tal-ministeri kollha li qed jagħmlu biċċa xogħol tajba sabiex inkomplu nżommu n-nies man-naħa tagħna.*

12. L-artiklu ta' *The Shift* tal-20 ta' Marzu 2023, li rrefera għalih l-Ewwel Ilmentatur, kien ibbażat fuq din ir-risposta tal-Ministru Schembri.

13. Traskrizzjoni sħiħa ta' dawn l-iskambji ġiet ippreparata minn dan l-Uffiċċju abbażi tal-filmat tas-seduta parlamentari[4] u hija annessa ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument Ċ**.

---

[4] Il-filmat tas-seduta parlamentari tas-16 ta' Marzu 2023 huwa aċċessibbli minn https://c.connectedviews.com/01/SitePlayer/parliamentmalta?session=118747.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

14. Dawk li jaħdmu fis-segretarjat ta' ministru jew segretarju parlamentari s-soltu jkunu persuni tal-fiduċja tiegħu, iżda jitħallsu l-pagi tagħhom minn fondi pubbliċi. Għalhekk għandhom jaqdu dmirhom vis-a-vis il-pubbliku in ġenerali.

15. Id-diffikultà tqum jekk, bħala parti mix-xogħol tagħhom ta' impjegati mħallsin minn fondi pubbliċi, jagħmlu wkoll xogħol marbut intrinsikament mal-attività tal-ministru jew segretarju parlamentari in kwistjoni bħala membru parlamentari fid-distretti li jikkontesta u għall-votanti f'dawk id-distretti biss.

16. Għalhekk is-sottoskritt deherlu li ż-żewġ ilmenti kienu jimmeritaw investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari:

> *4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali.*
>
> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *5.1 Sens ta' servizz – il-ġid suprem huwa l-ġid komuni u Ministru m'għandux ikun motivat minn sens ta' gwadann personali, familjari, ta' ħbiebu jew persuni qrib tiegħu, iżda biss minn sens ta' servizz lejn il-komunità inġenerali u l-ġid komuni, għax fuq kollox hu qed jamministra beni pubbliċi f'isem il-pubbliku inġenerali.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

*Korrispondenza mal-Ministru*

17. Dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Silvio Schembri fl-14 ta' April 2023 biex jirreferilu ż-żewġ ilmenti. Din l-ittra, li hija annessa bħala d-**Dokument D**, irreferiet għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika ministerjali. L-ittra talbet lill-Ministru Schembri jagħti l-veduti tiegħu b'mod ġenerali dwar l-ilmenti, u jgħid ukoll:

(i) x'kien in-numru ta' impjegati pubbliċi jew membri tas-segretarjat tiegħu li ħadmu fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħu, kemm f'Ħal Luqa kif ukoll f'lokalitajiet oħra;

(ii) x'kienet il-kariga ta' kull impjegat pubbliku jew membru tas-segretarjat assenjat minnu għax-xogħol fl-uffiċċji tiegħu tal-kostitwenza;

(iii) x'kienet l-iskeda għall-attendenza ta' dawn il-persuni fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħu;

(iv) fl-assenza ta' skeda fissa, kemm-il siegħa fil-ġimgħa dawn il-persuni kienu qed jaħdmu fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħu; u

(v) kif jiġġustifika l-assenjazzjoni ta' impjegati pubbliċi jew membri tas-segretarjat għax-xogħol tal-kostitwenza.

18. Il-Ministru Schembri rrisponda fil-15 ta' Mejju 2023 (**Dokument E**). Huwa qal fost affarijiet oħra li:

> *Nosserva illi ma hux minnu li jien fil-Parlament għedt xi kliem fis-sens li attivament nibgħat impjegati pubbliċi b'mod regolari f'uffiċċji tal-kostitwenza tiegħi.* [...] *Ntenni illi sia fid-dikjarazzjoni tiegħi kif ukoll fil-bran iċċitat fl-ittra tiegħek, jiena għamilt biss riferenza għall-mod ta' kif jien nemmen għandu jimxi politiku u deputat parlamentari.* [...]
>
> *Fl-uffiċċju nagħmel ħilti biex fih inkun preżenti jien. Ta' min isemmi illi f'artikolu ta' The Shift News li qiegħed jiġi riferut fl-istess ilment ċitat minnek jikkonferma dan kollu fejn fost oħrajn jgħid li ġirien tal-uffiċċju ta' Ħal Luqa infurmaw lix-Shift News li l-Ministru qiegħed juża dan l-uffiċċju sabiex il-kostitwenti jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-Ministru. Dan hu xhieda tal-fatt illi fl-uffiċċju solitament jien inkun preżenti u mhux ħaddieħor. Nosserva inoltre li dan l-uffiċċju huwa ta' daqs ta' 25 metru kwadru u għalhekk fih ma jistax jilqa' ħafna nies aħseb u ara "Several staff members".*
>
> *Jekk minħabba safar jew xogħol urġenti jien ma nkunx nista' nattendi, solitament nibgħat lil missieri, li wkoll kellu u għad għandu ħajja politika. Fejn dan ma jkunx possibbli, ġeneralment imorru persuni li jgħinuni fil-ħidma politika tiegħi b'mod volontarju. Uħud minn dawn il-persuni llum jaħdmu fi ħdan il-Ministeru li jiena responsabbli minnu. Inoltre ġeneralment il-ħinijiet tal-ftuħ ta' dawn l-uffiċċji anke sabiex ikunu aktar aċċessibbli għan-nies ikunu wara l-ħin tax-xogħol ġeneralment bejn l-4pm u 7pm. Għalhekk anke meta f'dawn l-okkażjonijiet rari li tattendi xi*

*persuna oħra u li din tkun taħdem ukoll fi ħdan il-Ministeru din saret b'mod li xejn ma jtellfu jew inaqqsu mis-sigħat ta' ħidma tagħhom fi ħdan il-Ministeru.*

*Ma jeżistix elenku ta' persuni waħdiena li marru f'dawn l-uffiċċji għaliex kif spjegajt din ma hix prassi, izda biss in via di eċċezzjoni meta jiena, jew membri tal-familja tiegħi ma setgħux jattendu. Inżid ukoll, dejjem bla ħsara għall-fatti kif fuq imfissra, illi f'dawk il-każijiet eċċezzjonali fejn persuni li jgħinuni fil-ħidma politika tiegħi u li jaħdmu fi ħdan il-Ministeru tiegħi, għażlu li joffru l-kontribut tagħhom f'dawn l-uffiċċji, dan sar dejjem b'osservanza tal-proċeduri stipulati fil-Manual on Resourcing Policies and Procedures.*

*Korrispondenza mas-Segretarju tal-Kabinett*

19. Fis-16 ta' Mejju 2023 is-Sur Ryan Spagnol, Segretarju tal-Kabinett, kiteb lil dan l-Uffiċċju (**Dokument F**) b'rabta ma' dan il-każ. Huwa hemeż mal-ittra tiegħu kopja ta' dokument intitolat *Engagement of Staff for Ministers' Secretariats*, maħruġ mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Diċembru 2012. Huwa qal li dan id-dokument jistabbilixxi "*erba' rwoli ewlenin tal-ħaddiema li jaħdmu f'segretarjati privati. Waħda minn dawn il-funzjonijiet hija 'co-ordination of diary and correspondence including constituency matters'*."

20. Is-Sur Spagnol qal li dan id-dokument għadu fis-seħħ bħala parti mill-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*, li jikkumplimenta l-*Public Service Management Code* (PSMC). Huwa qal "*Mingħajr preġudizzju għall-obbligi fil-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari u liġijiet u regolamenti oħra fis-seħħ, il-PSMC jagħmilha possibbli li l-membri tas-segretarjati privati jassistu lill-Ministri u s-Segretarji Parlamentari fil-ħidma tagħhom ġewwa l-kostitwenza*."

21. Dan l-Uffiċċju jikkonferma li d-dokument mibgħut mis-Segretarju tal-Kabinett jinkludi l-erba' rwoli li jirreferi għalihom. Id-dokument huwa voluminuż, iżda mhu ta' ebda relevanza oħra għal dan il-każ. Għalhekk mhux qed jiġi anness ma' dan ir-rapport. Fi kwalunkwe każ, l-istess erba' rwoli jinsabu fil-verżjoni kurrenti tad-dokument, li huwa aċċessibbli għall-pubbliku.[5]

[5] Ara l-kapitlu 7 tal-*Manual on Resourcing Policies and Procedures*, aċċessibbli minn https://publicservice.gov.mt/en/public-service-management-code-page, u b'mod partikolari t-taqsima 7.7.2.

22. Fit-18 ta' Mejju 2023 is-sottoskritt kiteb lis-Segretarju tal-Kabinett biex jitolbu kopja tal-elenku tad-dmirijiet (position description) kurrenti ta' kull kariga li tifforma parti mis-segretarjat ta' ministru. Fit-23 ta' Mejju 2023, is-Segretarju tal-Kabinet bagħat dokument lil dan l-Uffiċċju li jiġbor fih din l-informazzjoni. Dan ukoll huwa dokument voluminuż. Huwa relevanti għal dak li ma fihx, mhux għal dak li fih, kif se jiġi spjegat 'il quddiem, u għaldaqstant mhux qed jiġi anness ma' dan ir-rapport.

*Smigħ ta' xhieda*

23. Fil-15 ta' Lulju 2024, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Schembri biex jitolbu l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt ta' dawk il-membri tas-segretarjat jew impjegati oħra fil-ministeru tiegħu li taw servizz f'uffiċċju tal-kostitwenza tiegħu minn mindu sar l-ewwel ilment. Il-Ministru wieġeb permezz ta' email fil-15 ta' Awwissu 2024. Huwa indika tliet ismijiet u cioè Sonia Mifsud, Edward Portelli u Jolene Flask, u pprovda l-indirizzi tal-email tagħhom. Għalhekk dan l-Uffiċċju sejjaħ lis-sinjuri msemmija biex jixhdu quddiemu f'seduta li nżammet fid-29 ta' Jannar 2025. Kull xhud deher waħdu biex jixhed.

24. L-ewwel ma xehed kien is-**Sur Edward Portelli**. Traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu hija annessa bħala d-**Dokument G**. Is-Sur Portelli qal li ilu jaħdem bħala Secretariat Officer mill-2020. Qal li l-Ministru għandu erba' uffiċċji tal-kostitwenza f'Ħal Qormi, Ħal Luqa, ir-Rabat u s-Siġġiewi. Dawn għandhom il-ġranet meta jiftħu, per eżempju t-Tlieta jiftaħ tas-Siġġiewi, l-Erbgħa tar-Rabat u l-Ħamis ta' Ħal Luqa. Meta jkun f'wieħed minn dawn l-uffiċċji, il-Ministru normalment ikun akkumpanjat minn persuna oħra: "*jkun hemm xi ħadd minna miegħu anki ħabba n-nies barra u hekk u, biex indaħħluhom*".[6]

25. Is-Sur Portelli qal li huwa jattendi f'xi uffiċċju tal-kostitwenza meta jitolbu l-Ministru, iżda dan ma jkunx ta' spiss. Meta jattendi jkun wara l-ħin tax-xogħol, jiġifieri mill-5:30 ta' filgħaxija 'l quddiem. Qal li huwa wieħed minn tlieta li jagħmlu dan ix-xogħol.

26. Xehdet ukoll is-**Sinjura Jolene Flask** (traskrizzjoni annessa bħala d-**Dokument H**), li ilha Head of Customer Care fil-Ministeru għall-Ekonomija mill-2021. Qalet li xogħolha hu li tara n-nies li jmorru l-ministeru u tirreferihom lill-entitajiet fil-ministeru jew lil ministeri oħra skont x'ikollhom bżonn. Għandha tim ta' tlieta min-nies għal dan ix-xogħol. Il-Ministru jirreferilhom ukoll każijiet

6 Dokument G, linji 113–114.

ta' persuni li huwa jkun ra fl-uffiċċji tal-kostitwenza biex huma jsegwu dawn il-każijiet.

27. Is-Sinjura Flask qalet li jekk il-Ministru ma jkunx jista' jmur f'uffiċċju tal-kostitwenza, jista' jitlob li hi jew xi kollega tmur minfloku. Dan ikun fuq bażi voluntarja wara l-ħin tax-xogħol, mill-5:30 sas-7:00 jew is-7:30 ta' filgħaxija. Qalet li l-Ministru normalment ikollu helpers oħra u jirrikorri għandha jew għand il-kollegi tagħha meta ħadd minnhom ma jkun disponibbli. Qalet li dan ma jiġrix ta' spiss: f'sena forsi tmur sitta jew seba' darbiet. Qalet li l-anqas il-Ministru ma jmur ta' spiss fl-uffiċċji tal-kostitwenza, għalkemm ikollu d-dati tiegħu, minħabba l-impenji tal-ministeru jew tal-Parlament.

28. Mistoqsija jekk qatt intalbitx tmur f'uffiċċju tal-kostitwenza aktar kmieni, per eżempju fl-4:00 ta' wara nofsinhar, is-Sinjura Flask qalet li hi u l-kollegi tagħha fil-ministeru qatt ma kellhom talba simili.

29. Fl-aħħar xehdet is-**Sinjura Sonia Mifsud** (traskrizzjoni annessa bħala d-**Dokument I**), li ilha erba' snin isservi bħala Customer Care Officer fil-ministeru. Hija qalet li l-Ministru għandu uffiċċji tal-kostitwenza fis-Siġġiewi, ir-Rabat u Ħal Luqa. Mistoqsija kemm ikun ta' spiss li hija tattendi f'uffiċċju tal-kostitwenza, qalet li ma setgħetx tagħti indikazzjoni. Meta tmur, ikun bejn il-5:15 jew il-5:30 u s-7:00 ta' filgħaxija, u dan ikun fuq bażi voluntarja: ma titlobx time off mix-xogħol biex tpatti għalih. Qalet li hi qatt ma ntalbet tmur fl-4:00 ta' wara nofsinhar, u ma taħsibx li l-kollegi tagħha kellhom talba simili.

30. Is-Sinjura Mifsud qalet li meta tmur f'uffiċċju tal-kostitwenza, "*niftaħ l-uffiċċju, ġieli ma jiġi ħadd u ġieli jiġi xi ħadd ikun irid ikellem lill-Ministru. Ovvjament nipprova bħala customer care officer nara x'għandhom bżonn, nieħu d-dettalji, u mbagħad ngħaddihom jew lil xi kollega customer care officer skont il-każ, jew inkella lill-Ministru direttament*."[7]

*Korrispondenza finali mal-Ministru Schembri*

31. Fis-27 ta' Frar 2025, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Schembri (ittra annessa bħala d-**Dokument J**) sabiex ifornih bil-provi miġbura għall-finijiet tal-artikolu 18 tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, u jagħtih opportunità biex jagħmel sottomissjonijiet finali.

---

[7] Dokument I, linji 69–73.

32. Il-Ministru ngħata żmien sat-28 ta' Marzu 2025 biex jibgħat is-sottomissjonijiet tiegħu, iżda ma bagħat ebda risposta. Għaldaqstant is-sottoskritt deherlu li kellu jikkonkludi l-każ.

**Konsiderazzjonijiet Dwar il-Merti tal-Każ**

33. Fl-ittra tiegħu tal-15 ta' Mejju 2023 (Dokument E), il-Ministru Silvio Schembri qal li huwa biss f'okkażjonijiet rari li persuni li jaħdmu fil-ministeru tiegħu jattendu fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħu. Meta jagħmlu dan, jagħmluh b'mod voluntarju.

34. Hemm xi inkonsistenzi bejn dak li qal il-Ministru fl-ittra tiegħu u x-xhieda miġbura minn dan l-Uffiċċju. Il-Ministru qal li l-uffiċċji tal-kostitwenza jiftħu fl-4:00 ta' wara nofsinhar. Żied jgħid li għalhekk, meta impjegati tal-ministeru jattendu ma jintilef xejn mis-sigħat ta' xogħol tagħhom fil-ministeru: dan jimplika li meta jmorru l-impjegati, ikunu hemm fl-4:00 pm. Iżda s-Sur Edward Portelli u l-kollegi tiegħu xehdu li meta jmorru, dan ikun fil-5:30 ta' filgħaxija.

35. Il-Ministru qal li fl-uffiċċju tal-kostitwenza normalment ikun preżenti hu u mhux ħaddieħor, mentri s-Sur Portelli qal li l-Ministru normalment ikun akkumpanjat minn persuna oħra li tieħu ħsieb iddaħħal in-nies għandu.

36. Hemm ukoll inkonsistenzi bejn ix-xhieda stess. Is-Sur Portelli qal li l-Ministru għandu erba' uffiċċji, mentri s-Sa. Sonia Mifsud semmiet tlieta. Is-Sur Portelli qal ukoll li kull uffiċċju għandu jum partikolari fil-ġimgħa meta jiftaħ, mentri s-Sa. Jolene Flask qalet li ma jiftħux daqshekk regolarment.

37. Għandu jingħad iżda li x-xhieda jaqblu bejniethom u mal-Ministru fuq l-aktar punti importanti: li jattendu fl-uffiċċji tal-kostitwenza tal-Ministru okkażjonalment biss, u dan wara l-ħin tax-xogħol u fuq bażi voluntarja. Għalhekk fl-aħħar mill-aħħar ix-xhieda jsostnu l-pożizzjoni tal-Ministru.

38. Mill-banda l-oħra, iqumu dubji dwar ix-xhieda minħabba dak li qal il-Ministru stess fil-Parlament u minħabba s-sottomissjonijiet tas-Segretarju tal-Kabinett, kif spjegat taħt.

*X'qal il-Ministru Schembri fil-Parlament*

39. Meta fil-Parlament il-Ministru Schembri ntalab jgħid jekk impjegati tal-ministeru tiegħu kinux qed jiftħulu l-uffiċċju ta' Ħal Luqa, huwa la nnega li dan kien qed iseħħ u lanqas qal li kien iseħħ biss f'okkażjonijiet rari. Qal:

"*Segretarjat qegħdin proprju hemmhekk biex jassistuk fil-ħidma tiegħek. Il-ħidma tiegħek tikkonsisti wkoll li tibqa' viċin in-nies.*" Kompla billi qal "*ħa nibqgħu viċin in-nies, nibqgħu niftħu l-uffiċċji tagħna*", u saħansitra rringrazzja l-ħaddiema tas-segretarjat u tal-ministeri kollha tax-xogħol tagħhom "*sabiex inkomplu nżommu n-nies man-naħa tagħna*" (Dokument Ċ).

40. Fl-ittra tiegħu lil dan l-Uffiċċju (Dokument E), il-Ministru ċaħad li b'dan il-kliem ried ifisser li huwa jibgħat impjegati pubbliċi b'mod regolari fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħu. Madankollu, fil-fehma tas-sottoskritt dak li qal il-Ministru fil-Parlament jammonta għal dikjarazzjoni li l-attendenza fl-uffiċċji tal-kostitwenza hija parti mix-xogħol tal-membri tas-segretarjati ministerjali. Is-sottoskritt ma jarax kif dak li qal il-Ministru jista' raġonevolment jiġi interpretat mod ieħor fil-kuntest tal-mistoqsija li huwa kien qed iwieġeb.

*Is-sottomissjoni tas-Segretarju tal-Kabinett*

41. L-ittra tas-Segretarju tal-Kabinett tas-16 ta' Mejju 2023 (Dokument F) ukoll titfa' dubju fuq ix-xhieda miġbura minn dan l-Uffiċċju. Ta' min wieħed ifakkar li s-Segretarju tal-Kabinett kiteb lil dan l-Uffiċċju fuq l-inizjattiva tiegħu, u mhux b'risposta għal xi komunikazzjoni minn din in-naħa. Skont hu, l-irwol ta' "*co-ordination of diary and correspondence including consituency matters*" ifisser li l-membri tas-segretarjati jistgħu jgħinu l-ministri tagħhom fix-xogħol tal-kostitwenza.

42. Is-sottoskritt ma jistax jaqbel mal-interpretazzjoni tas-Segretarju tal-Kabinett. Fil-fehma tas-sottoskritt, dan l-irwol ifisser biss li l-membri tas-segretarjat ta' ministru jistgħu jintalbu jiffissaw appuntamenti għall-ministru u jibagħtu korrispondenza f'ismu anki fuq materji marbuta mal-kostitwenza. Is-sottoskritt ma jarax kif dan l-irwol jista' jinftiehem li jinvolvi l-attendenza ta' membri tas-segretarjat fl-uffiċċju tal-kostitwenza tal-ministru.

43. Lanqas l-elenki dettaljati tad-dmirijiet tal-karigi fis-segretarjati, li ġew fornuti mis-Segretarju tal-Kabinett fuq talba ta' dan l-Uffiċċju, ma jistgħu jinftiehmu b'dan il-mod. Id-dmirijiet tal-karigi kollha fis-segretarjat ta' ministru jinkludu "*dealing as required with members of the public who write or otherwise communicate with the Minister*", filwaqt li d-dmirijiet tal-kariga ta' segretarju privat jinkludu wkoll "*maintaining the Minister's appointments and schedule of events*". Dawn id-dmirjiet jikkorrispondu mal-irwol imsemmi mis-Segretarju tal-Kabinett. **L-attendenza fl-uffiċċju tal-kostitwenza tal-ministru mhix inkluża fid-dmirijiet ta' ebda kariga fis-segretarjat**.

44. Is-sottoskritt jifhem li d-distinzjoni bejn ix-xogħol uffiċjali ta' ministeru u x-xogħol tal-kostitwenza tal-ministru tista' tiċċajpar, sew għaliex il-membri tas-segretarjat huma persuni tal-fiduċja tal-ministru, u sew għaliex ix-xogħol ta' customer care fil-ministeru stess jista' jitqies estensjoni tax-xogħol tal-kostitwenza, kif tindika x-xhieda miġbura minn dan l-Uffiċċju. Minkejja dan, ikun qed jinqabeż tragward etiku jekk membri tas-segretarjat jintbagħtu fl-uffiċċju tal-kostitwenza tal-ministru **bħala parti mix-xogħol tagħhom**.

**Konsiderazzjonijiet dwar Proċedura**

45. Fl-ittra tiegħu tal-15 ta' Mejju 2023 (Dokument E), il-Ministru Schembri għamel talba ta' natura proċedurali:

> *Finalment, biex tassew jiġu mħarsa il-prinċipji ta' smigħ xieraq fit-tmexxija tal-proċedimenti taħt l-Att (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) kif irid, fost oħrajn, l-artikolu 18 tal-istess Liġi, nitolbok ġentilment biex bħala l-parti ndagata, nkun preżenti waqt is-smigħ tal-proċedimenti relatati ma' dan il-każ u ningħata, a tempo vergine, kull evidenza li tiġi prodotta fl-atti ta' dawn il-proċedimenti.*

46. Is-sottoskritt ma setax jilqa' din it-talba għaliex l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika jagħti rwol investigattiv u mhux aġġudikattiv lil dan l-Uffiċċju. Għalhekk il-proċeduri tal-qorti, fejn il-partijiet ikunu preżenti waqt is-smigħ tal-każ tagħhom, ma japplikawx għal dan l-Uffiċċju.

47. Skont l-artikolu 18(3) tal-Att, il-persuna investigata għandha d-dritt tas-smigħ fl-aħħar tal-investigazzjoni, u mhux waqt li din tkun għadha għaddejja. Dan id-dritt ingħata permezz tal-ittra ta' dan l-Uffiċċju datata 27 ta' Frar 2025 (Dokument J).

**Konklużjonijiet**

48. Il-kliem tal-Ministru Silvio Schembri fil-Parlament u s-sottomissjonijiet tas-Segretarju tal-Kabinett iqajmu dubji dwar ix-xhieda miġbura minn dan l-Uffiċċju.

49. Madankollu, biex is-sottoskritt jikkonkludi li kien hemm ksur ta' etika minkejja din ix-xhieda ġuramentata, għandu bżonn evidenza li turi li l-Ministru Schembri qabbad membri tas-segretarjat jew impjegati fil-ministeru tiegħu biex iservu fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħu regolarment bħala parti minn

xogħolhom. Il-fatturi msemmija fil-paragrafu preċedenti ma jammontawx għal evidenza ta' dan it-tip.

50. Fin-nuqqas ta' evidenza bħal din, is-sottoskritt m'għandux triq oħra ħlief li jikkonkludi li ma sabx ksur tal-Kodiċi ta' Etika mill-Ministru Schembri f'dan il-każ, u jiddikjara l-każ magħluq.

51. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Ilmentaturi u lill-Ministru Silvio Schembri, kif ukoll lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq is-sit elettroniku ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

## Dokumenti Annessi

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email datata 20 ta’ Marzu 2023 mingħand il-Professur Arnold Cassola. |
| Dokument B | Ittra datata 27 ta’ Marzu 2023 mingħand Dr Robert Aquilina f’isem l-għaqda voluntarja Repubblika. |
| Dokument Ċ | Traskrizzjoni ta’ mistoqsijiet u risposti waqt is-seduta parlamentari tas-16 ta’ Marzu 2023. |
| Dokument D | Ittra datata 14 ta’ April 2023 lill-Ministru Silvio Schembri. |
| Dokument E | Ittra datata 15 ta’ Mejju 2023 mingħand il-Ministru Silvio Schembri. |
| Dokument F | Ittra datata 16 ta’ Mejju 2023 mingħand is-Sur Ryan Spagnol, Segretarju tal-Kabinett. |
| Dokument G | Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur Edward Portelli. |
| Dokument H | Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sa. Jolene Flask. |
| Dokument I | Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sa. Sonia Mifsud. |
| Dokument J | Ittra datata 27 ta’ Frar 2025 lill-Ministru Silvio Schembri. |

DOKUMENT A

**From:** Arnold Cassola
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** Talba investigazzjoni ministru Silvio Schembri
**Date:** Monday, 20 March 2023 20:41:50

---

Ghaziz Kummissarju Azzopardi,

Sfortunatament, l-imgiba politika mahmuga saret l-ordni tal-gurnata.

Ilbierah, il-Ministru Silvio Schembri, frisk bhal hassa, "admitted he was deploying members of his private secretariat to his Luqa constituency office".

Dan huwa abbuz sfaccat tal-pozizzjoni ministerjali tieghu.

Qieghed ghalhekk nitlob investigazzjoni fl-imgiba tsl-Ministru Silvio Schembri.

Anness, artiklu ta' theshiftnews.

https://theshiftnews.com/2023/03/20/schembri-admits-using-ministerial-staff-for-his-personal-constituency-offices/

Inselli ghalik,

Arnold Cassola

DOKUMENT B

repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

**Dr Joseph Azzopardi**
Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Il-Belt Valletta VLT1210

27 ta' Marzu 2023

Sur Kummissarju,

F'isem Repubblika, qed inressaq dan l-ilment sabiex tinvestigah skont l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Nirreferi għall-allegazzjoni li l-Ministru Silvio Schembri jista' qed ikollu benefiċċji minn businessmen u kuntratturi kbar f'Malta li qed jagħtuh l-użu ta' propjetà tagħhom biex jagħmel uffiċċji politiċi. Dan l-allegat aġir jista' jew jista' raġonevolment joħloq impressjoni li qed jikkomprometti l-ġudizzju tiegħu jew li jpoġġih taħt obbligazzjoni mhux xierqa u allura dan il-Ministru qed jiksser il-Kodiċi tal-Etika (ara 4.8 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri).

Dan is-suspett ikomli jisaħħaħ bl-imġieba tal-Ministru Schembri fil-Parlament meta mistoqsi dwar dawn l-uffiċċji.

Nitolbok ukoll tinvestiga jekk il-Ministru Schembri hux jikser ukoll l-artiklu 4.9 tal-Kodiċi tal-Etika billi juża uffiċjali tal-Ministeru biex iservu fl-uffiċċji politiċi tiegħu.

Dawn l-allegati abbużi kienu rrapurtati fil-media, inkluz:

https://theshiftnews.com/2023/03/12/revealed-lands-ministers-links-to-developer-set-to-acquire-public-land-in-mellieha-worth-millions/

https://theshiftnews.com/2023/03/20/schembri-admits-using-ministerial-staff-for-his-personal-constituency-offices/

https://timesofmalta.com/articles/view/investigate-silvio-schembri-kevin-cassar.1020763

Nirringrazzjak u nselli għalik,

**Dr Robert Aquilina**
President

29, Pjazza tal-Knisja, Mqabba MQB1011
contact@repubblika.org

Każ K/046 – Uffiċċji tal-kostitwenza Silvio Schembri

16 ta’ Marzu 2023 – Seduta Parlamentari 103 -Mistoqsijiet Parlamentari (00:09:49)

(00:16:38) Rebekah Borg: Mr Speaker, jista’ l-Ministru jgħidilna l-uffiċċju tiegħu f’Ħal Luqa tal-kostitwenza, jekk inhux tiegħu personalment, jekk le, mingħand min jikrih u għalkemm hi l-kera, grazzi.

Silvio Schembri: Ovvjament, nifhem li l-Onorevoli kollega, ħabiba tiegħi hija ġdida f’dan il-Parlament u forsi għadha ma tafx daqshekk l-iStanding Orders, erm, imma nissuġġerilek tirreferi għall-iStanding Order, jekk m’iniex sejjer żball 26, dwar l-ammissibbiltà ta’ ċerti mistoqsijiet, sabiex tkun taf ukoll li bħala Membru Parlamentari x’tista’ u ma tistax tistaqsi. Erm, ovvjament nifhem li għadek ġdida u trid tidra daqxejn, kif tidra, kif taħdem ukoll din il-Kamra.

[…]

(00:20:43) Rebekah Borg: Peress li jidher skomdu l-Ministru jirrispondi l-mistoqsija li għamiltlu qabel, jista’ forsi jgħidilna jekk hemmx impjegati mill-Ministeru tiegħu li jmorru jiftħu dan l-uffiċċju fil-kostitwenza ta’ Ħal Luqa? Grazzi.

Speaker: Il-Ministru, Silvio Schembri.

Silvio Schembri: Jidher li l-kollega kellha bżonn daqsxejn konsulenti għax kellek ftit deputati maġenbek, idawruk. Nerġa’, nerġa’ ngħidlek, nerġa’ ngħidlek, f’dan il-Parlament, f’dan il-Parlament għandna Standing Orders. Nissuġerilek li tarahom, u u tikkwotah. Standing Order 26.

[…]

Speaker: […] Point of order Dr Beppe Fenech Adami, fil-qosor jekk jogħġbok.

(00:23:00) Beppe Fenech Adami: Mr Speaker, mela, il-Ministru qed jgħid, qed jikkwota, qed jirreferi għal Standing Order. Inti, l-Ispeaker ta’ din il-Kamra, l-espert, fuq l-Istanding Orders, u inti d-dover tiegħek ma tħallix Ministru jiżvija din il-Kamra, jigdeb, jivvinta, li hemm Standing Order li tgħid xi ħaġa differenti għal dak li qed jgħid hu, u inti tħallih għaddej qisu mhux hu. Iġifieri jiena nifhem, illi jista’ jwieġeb kif irid, pero ma tistax tiżvija din il-Kamra, tivvinta, li hemm Standing Order u tgħid xi ħaġa li mhijiex minnha. Jiena naf ngħid l-Istanding Order u l-mistoqsija li, il-mistoqsija li għamlet il-kollega, ma tinkwadrax f’dak l-iStanding Order, u dak hu l-punt kollu. Ma tistax tħallih jiżvija l-Kamra.

[…]

(00:31:17) Rebekah Borg: ħa nispjegalu l-Ministru peress li għadni ġdida, hawn ġew x’tgħid l-iStanding Order 26. Li jiena, jiena u l-membri parlamentari kollha hawn ġew jistgħu isaqsu fuq ħwejjeġ pubbliċi, allura nerġa’ nagħmillek il-mistoqsija, l-impjegat tal-Ministeru tiegħek, li huma parti mill-ħwejjeġ pubbliċi, jistgħu, tgħidilna inti, jekk jiftħux l-uffiċċju tiegħek, tal-kostitwenza f’Ħal Luqa?

Speaker: Il-Ministru Silvio Schembri.

Silvio Schembri: ara, jiena, bħal kull Ministru ieħor, għandek uffiċjali li jaħdmu miegħek bħala segretarjat. Segretarjat qiegħdin proprju hemmhekk, biex jassistuk fil-ħidma tiegħek. Il-ħidma tiegħek tikkonsisti ukoll li tibqa’ viċin in-nies. Issa din jiena nifhem li l-Partit Nazzjonalista, il-Partit, il-Partit Nazzjonalista, għalih ittih ġewwa li aħna nibqgħu viċin in-nies imma aħna issa ngħidlek, iva, ħa nibqgħu viċin in-nies nibqgħu niftħu l-uffiċċji tagħna, jidher li l-uffiċċji tagħna qed idejqukom għaliex qed noħorġu aħna ħafna ħidma, hawnhekk u għalhekk [ħallas għal li hu, tħ-] u għalhekk ngħidlek illi ħa nibqgħu ehe, naħdmu u l-ħaddiema, nirringrazzja l-ħaddiema kollha tas-Segretarjat u l-ħaddiema tal-ministeri kollha li qed jagħmlu biċċa xogħol tajba sabiex inkomplu nżommu n-nies man-naħa tagħna.

DOKUMENT D



14 ta' April 2023

L-Onor Silvio Schembri
Ministru għall-Ekonomija,
il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Bl-email fuq silvio.schembri@gov.mt

Ministru,

**Każ K/046 dwar impjegati tas-segretarjat assenjati fl-uffiċċju tal-kostitwenza**

Jiena ġejt mitlub ninvestiga jekk inti bgħattx impjegati tas-segretarjat tiegħek jaħdmu fl-uffiċċju privat tiegħek tal-kostitwenza f'Ħal Luqa. L-ilmenti relevanti huma annessi ma' din l-ittra.

Innutajt ukoll il-kummenti tiegħek fis-sessjoni plenarja tal-Kamra tar-Rappreżentanti, seduta nru. 103 tas-16 ta' Marzu 2023, fejn inti għidt:

> *"Ara, jiena, bħal kull Ministru ieħor, għandek uffiċjali li jaħdmu miegħek bħala segretarjat. Segretarjat qegħdin proprju hemmhekk, biex jassistuk fil-ħidma tiegħek. Il-ħidma tiegħek tikkonsisti ukoll li tibqa' viċin in-nies."*

Jiena qed nikkunsidra dawn l-ilmenti fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

> *4.7 Il-Ministri għandhom jassiguraw illi ma jkun hemm l-ebda konflitt ta' interess bejn id-doveri pubbliċi tagħhom u l-interessi personali.*
>
> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *5.1 Sens ta' servizz – il-ġid suprem huwa l-ġid komuni u Ministru m'għandux ikun motivat minn sens ta' gwadann personali, familjari, ta' ħbiebu jew persuni qrib tiegħu, iżda biss minn sens ta'servizz lejn il-komunità inġenerali u l-ġid komuni, għax fuq kollox hu qed jamministra beni pubbliċi f'isem il-pubbliku inġenerali.*

*5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

Inti mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilmenti, u b'mod partikolari tgħidli:

(i) In-numru ta' impjegati pubbliċi jew membri tas-segretarjat tiegħek li ħadmu u għadhom qed jaħdmu fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħek, kemm f'Ħal Luqa kif ukoll f'lokalitajiet oħra;

(ii) X'inhi l-kariga ta' kull impjegat pubbliku jew membru tas-segretarjat assenjat minnek għax-xogħol fl-uffiċċji tiegħek tal-kostitwenza;

(iii) X'inhi l-iskeda għall-attendenza ta' dawn il-persuni fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħek. Nitolbok tipprovdili kopja tal-iskedi rilevanti għal kull uffiċċju tal-kostitwenza;

(iv) Jekk ma teżistix skeda fissa, kemm-il siegħa fil-ġimgħa dawn il-persuni jaħdmu fl-uffiċċji tal-kostitwenza tiegħek; u

(v) Kif tiġġustifika l-assenjazzjoni ta' impjegati pubbliċi jew membri tas-segretarjat għax-xogħol tal-kostitwenza.

Ġentilment mitlub twieġeb sa mhux aktar tard mit-**Tnejn 15 ta' Mejju 2023**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

15 ta' Mejju 2023

Onor. Prim Imħallef Emeritu Dr. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rif Tagħkom: Ilment Nru. K/046**

Issir referenza għall-ittra tiegħek datata 14 ta' April, 2023, kif fuq imsemmi.

Nosserva illi ma hux minnu li jien fil-Parlament għedt xi kliem fis-sens li attivament nibgħat impjegati pubblici b'mod regolari f'ufficji tal-kostitwenza tiegħi. Erġajt qrajt it-traskrizzjoni tad-dikjarazzjoni tiegħi. Flejt ukoll il-bran miktub fl-ittra tiegħi. Ntenni illi sia fid-dikjarazzjoni tiegħi kif ukoll fil-bran iccitat fl-ittra tiegħek, jiena għamilt biss riferenza għall-mod ta' kif jien nemmen għandu jimxi politiku u deputat parlamentari. Bħala persuna li ilni involuta fil-politika tul dawn l-aħħar għoxrin sena dejjem rajt li nżomm il-kuntatt personali mal-Maltin u l-Għawdxin fost oħrajn billi nżur l-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, inzur diversi negozji u attivitajiet tal-familji kif ukoll billi nara n-nies fl-ufficji ġewwa d-Distretti li jien nikkontesta fuqhom u li għalhekk illum nirraprezenta fil-Parlament ta' Malta. Din il-ħidma għadni nagħmilha sal-ġurnata tal-llum.

Nipprova ukoll li sa fejn possibli niltaqa' man-nies personalment, kemm fil-lokalitajiet tad-distretti li fuqhom nikkontesta kif ukoll f'diversi lokalitajiet oħra. Dan hu essenzjali sabiex bħala rapprezentant tal-poplu, jien ukoll nagħmel il-parti tiegħi biex tkun implimentata politka li tkun tirrispekkja l-esiġenzi u prijoritajiet tan-nies, aktar u aktar f'dawn l-aħħar sentejn fejn il-pajjiż għadda minn diversi sfidi minħabba avvenimenti li laqtu lid-dinja kollha.

Fil-laqgħat li nagħmel, wieħed aktar japprezza il-kontribut li jagħtu n-nies sabiex aħna bħala rapprezentanti tal-poplu naġġornaw il-politka u l-ħidma tagħna biex tirrispekja dawn l-istess prijoritajiet.

Fl-ufficju nagħmel ħilti biex fih inkun prezenti jien. Ta' min isemmi illi f'artikolu ta' *The Shift News* li qiegħed jiġi riferut fl-istess ilment citat minnek jikkonferma dan kollu fejn fost oħrajn jghid li ġirien ta' l-ufficju ta' Hal Luqa infurmaw lis-Shift News li l-Ministru qiegħed juza dan l-ufficcju sabiex l-kostitwenti jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-Ministru. Dan hu xhieda tal-fatt illi fl-ufficju solitament jien inkun prezenti u mhux ħaddiehor. Nosserva inoltre li dan l-ufficju huwa ta'daqs ta' 25 metru kwadru u għalhekk fih ma jistax jilqa ħafna nies aħseb u ara "Several staff members".

Jekk minħabba safar jew xogħol urgenti jien ma nkunx nista' nattendi, solitament nibgħat lill-missieri, li wkoll kellu u għad għandu ħajja politika. Fejn dan ma jkunx possibbli, generalment jmorru persuni li jgħinuni fil-ħidma politika tiegħi b'mod volontarju. Uħud minn dawn il-persuni llum jaħdmu fi' hdan il-Ministeru li jiena responsabbli minnu. Inoltre generalment il-ħinijiet tal-ftuħ ta' dawn l-ufficcji anke sabiex jkunu aktar accessibbli għan-nies jkunu wara l-ħin tax-xogħol generalment bejn l-4pm u 7pm. Għalhekk anke meta f'dawn l-okkazzjonijiet rari li tattendi xi persuna oħra u li din tkun taħdem wkoll fi ħdan il-Ministeru din saret b'mod li xejn ma jtellfu jew inaqqsu mis-sigħat ta' ħidma tagħhom fi ħdan il-Ministeru.

Ma jezistix elenku ta' persuni waħdiena li marru f'dawn l-ufficji għaliex kif spjegajt din ma hix prassi, izda biss *in via* di eccezzjoni meta jiena, jew membri tal-familja tiegħi ma setgħux jattendu. Inzid ukoll, dejjem bla ħsara ghall-fatti kif fuq imfissra, illi f'dawk il-kazijiet eccezzjonali fejn persuni li jgħinuni fil-ħidma politika tiegħi u li jaħdmu fi ħdan il-Ministeru tiegħi, għazlu li joffru l-kontribut tagħhom f'dawn l-ufficiji, dan sar dejjem b'osservazna tal-proceduri stipulati fil-*Manual on Resourcing Policies and Procedures.*

Niddikjara illi jiena dejjem imxejt u aġġixejt b'sens ta' servizz lejn il-portafol Ministerjali tiegħi u dejjem ħarist li ma jkun hemm ebda kunflitt bejn l-interess personali tiegħi u r-rwol ta' Deputat u Ministru tiegħu. Dejjem applikajt l-ogħla livell ta' diliġenza fl-infiq ta' fondi pubblici u ħdimt b'għaqal u bzulija.

Għalhekk dan l-ilment għandu jiġi respint.

Finalment, biex tassew jigu mħarsa il-principji ta' smigħ xieraq fit-tmexxija tal-procedimenti taħt l-Att (Kap. 507 tal-Ligijiet ta' Malta) kif irid, fost oħrajn, l-artikolu 18 tal-istess Ligi, nitolbok gentilment biex bhala l-parti ndagata, nkun prezenti waqt is-smigħ tal-procedimenti relatati ma dan il-kaz u ningħata, *a tempo vergine*, kull evidenza li tigi prodotta fl-atti ta' dawn il-procedimenti.

Għoddni tiegħek,

Onor. Silvio Schembri
Ministru

DOKUMENT F

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
UFFIĊĊJU TAL-KABINETT

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta, VLT 1210,
Malta

16 ta' Mejju 2023

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi

Kordjalment nikteb għan-nom tal-Kabinett u b'referenza għal *Każ K/046 dwar impjegati tas-segretarjat assenjati fl-uffiċċju tal-kostitwenza*.

Ġentilment nixtieq inġib għall-attenzjoni tiegħek il-linji gwida li jġibu l-isem *Engagement of Staff for Ministers' Secretariat* maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru f'Diċembru 2012 u li kopja tagħhom qed tiġi mehmuża ma' din l-ittra. Din il-*policy* tipprovdi gwida fuq il-ħatra, l-irwoli u s-salarji ta' ħaddiema fis-segretarjati privati.

Sezzjoni 2 ta' dan id-dokument tispjega l-iskop tiegħu li jassigura li l-Prim Ministru, il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jkollhom ammont ta' ħaddiema biżżejjed sabiex jaqdu l-funzjonijiet politiċi u amministrattivi tagħhom. Id-dokument jistabilixxi wkoll erba' rwoli ewlenin tal-ħaddiema li jaħdmu f'segretarjati privati. Waħda minn dawn il-funzjonijiet hija '*co-ordination of diary and correspondence including constituency matters*'.

Il-gwida li tipprovdi l-*Engagement of Staff for Ministers' Secretariat* tal-2012 għadhom fis-seħħ u fil-preżent dawn huma aċċessibbli fil-*Policy on the Engagement of Persons/Positions on a Trust Basis*. Dan id-dokument huwa parti mill-*Manual on Resourcing Policies and Procedures* li jikkumplimenta l-*Public Service Management Code* (PSMC) u jikkonċerna l-ingaġġ ta' ħaddiema fis-segretarjati privati tal-Prim Ministru, il-Ministri, is-Segretarji Parlamentari u Uffiċini oħra li jistgħu jagħmlu dan.

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi fil-Kodiċi tal-Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari u liġijiet u regolamenti oħra fis-seħħ, il-PSMC jagħmilha possibbli li membri tas-segretarjati privati jassistu lill-Ministri u s-Segretarji Parlamentari fil-ħidma tagħhom ġewwa l-kostitwenza.

Infurmat li l-Manwal kien imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u kopja aġġornata tiegħu reġgħet ġiet imqiegħda mill-Ministru għall-Ġustizzja fis-Seduta Numru 11 tat-30 ta' Mejju 2022.

Nirringrazzjak tal-attenzjoni tiegħek.

Tislijiet

Ryan Spagnol
**Segretarju tal-Kabinett**

Berġa ta' Kastilja, Valletta, Malta
T +356 2200 1285 E cabinet.office@gov.mt

www.opm.gov.mt

# Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur Edward Portelli

Każ: K/046

Data: 29 ta' Jannar 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika - JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju - CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - SPW

Edward Portelli - EP

---

JA: First name please.

EP: Edward Portelli.

JA: Edward Portelli hmm, minn jeddu bil-ġuramant jgħid. Ħa ntuk il-ġurament. Eh inti m'intix under investigation sewwa, jiġifieri inti xhud hawnhekk, m'intix under investigation. Però naturalment jekk tħoss li hemm xi ħaġa tista' tinkriminak din ngħiduha dejjem lin-nies.

Mela, Edward Portelli eh, imħarrek mill-istess Kummissarju, bil-ġurament jgħid. Aħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollha u xejn inqas mis-sewwa hekk Alla jgħinek.

Mela Sur Portelli, l-ewwel ħaġa l-kariga tiegħek fil-Ministeru?

EP: Secretariat Officer.

JA: Eh, u kemm ilek f'din il-kariga?

EP: Eh, erbgħa snin u xahrejn.

JA: Iġifieri qabel ma kontx inti impjegat maċ-ċivil, iġifieri -

EP: Le impjegat maċ-ċivil jiena.

JA: Impjegat maċ-ċivil -

EP: Min-1989.

JA: -kont qabel. X'kont, x'kont tagħmel?

EP: Eh, wieħed u tletin sena ġol-isptar

JA: I see eh sewwa.

EP: Plus five years customer care.

JA: Sewwa, eh u kemm ilek issa fil-Ministeru mal-Ministru Schembri?

EP: Ehe, mit-2020.

JA: Sewwa. Eh, hmm u kien l-istess Ministeru hux hekk diġà jew inbidel xi ftit?

EP: Le l-istess.

JA: L-istess.

EP: id-dekasteru, lands u -

JA: U iva. Eh jiġifieri x-xogħol tiegħek illum huwa eh -

EP: Li ngħinu n-nies u hekk u.

JA: Issa hmm, matul il-ġurnata fejn tkun int? Iġifieri-

EP: Hawnhekk il-Belt.

JA: Il-ministeru l-Belt hawnhekk qiegħed.

EP: Iva.

JA: Sewwa. Ehh, ġieli ħriġt barra mill-uffiċċju biex tagħmel xi xogħol rilatat mal-Ministru jew mal-ministeru?

EP: Eh, jiddependi, skond, imma mhux fu -aw waqt il-ħin tax-xogħol tagħna dejjem hawnhekk inkunu.

JA: Sewwa.

EP: Fhimt? Irid ikun hemm forsi inkun hemm xi avveniment bħal ma darba organizzajna għall-Med9 u hekk biex ma nkunux il-ministeru.

JA: Sewwa.

CP: Meta organizzajtu xiex?

EP: Il-Med9.

CP: Med9. Din hija xi -

EP: Eh, kienu ġew il-, eh, il-ministri minn barra fhimt?

CP: Eh sewwa.

EP: u kienet saret Ta' Qali u Dar il-Meditterran.

CP: Sewwa. Konferenza tal-Gvern jiġifieri,ok.

JA: U nimmaġina meta saret dik tal-Marsa hemm tal- tal-, naħseb -

EP: Le, dika mhux aħna dika privata.

JA: Eh mhux intom tkunu ,eh privata tkun dik.

EP: Għas-Sigma qed tgħid.

JA: Sewwa, bħala il-ministru jattendi naturalment.

EP: Iva jattendi.

JA: Imma intom mhux dejjem tattendu f’affarijiet bħal dawn.

EP: Le, le, mhux dejjem mhux dejjem

JA: il-Ministru waħdu jmur.

EP: Iva, iva.

JA: Ok, mela ħa mmur xi mistoqsijiet. Is-Sinjur huwa d-Direttur Ġenerali u d-Dottoressa hija l-avukat impjegata hawnhekk tagħna, hija Senior Investigator. Mela -

CP: Kien hemm xi drabi fejn inti eh attendejt f’uffiċċju tal-kostitwenza tal-ministru?

EP: Iva, iva iva.Wara ħin tax-xogħol mill-5.30 ‘il quddiem.

CP: Mill-5.30pm ‘il quddiem.

EP: U mhux dejjem. Meta jitlobna l-Ministru.

CP: Sewwa, eh ta’ spiss tiġri din?

EP: Le mhux ta’ spiss ta. Le mhux ta’ spiss, però meta jkollu bżonna mmorru.

CP: Sewwa. Eh u kif taħdem jiġifieri ikun hemm roster ta’ nies, mis-segretarjat?

EP: Iva jgħidilna, jgħidilna eżempju ara min jista’ jiġi miegħi fil-, eh tomorrow.

CP: Ehe.

EP: Jgħidli Edward, ngħidlu alright.

CP: Sewwa, alright.

SPW: Eh normalment mela, hmm inti tattendi uffiċċju wieħed għax jien nifhem il-ministru għandu –

EP: Le, fejn jgħidilna.

SPW: Tista’ tispjega ftit iktar?-

EP: Ħal-Qormi, ara, Ħal-Luqa, ir-Rabat u s-Siġġiewi.

SPW: Sewwa. Eh normalment il-ministru kif, kif jikkomunika magħkom, għax ovvjament biex torganizza n-nies tgħidilhom isma’ għandi bżonn xi ħadd għada , għandi bżonn xi ħadd -

EP: Ma tkunx daqshekk mil-llum għal għada ta voldieri, aħna

SPW: Sew alright.

EP: Jgħidilna per eżempju fit- 27th jew hekk u mmorru.

SPW: Ok. Normalment jibgħatlek messaġġ?

EP: Iva. Jew jgħidilna, tgħidil - jgħidilna hu stess.

SPW: I see ok. Hmm, kif , kif intom min-naħa tagħkom iżżommu kont ta' min mar u min ma marx?

EP: Le, kont ma nżommux aħna, daka daka f'idejh.

SPW: Hu iżomm ,hu iżomm record mela.

EP: Iva, iva, iva.

SPW: Ok, Alright.

JA: U kemm qegħdin nies intom li tagħmlu dax-xogħol?

EP: Aħna qegħdin grupp ta' helpers, imma aħna, il-dawn ta' bejnietna qegħdin tlieta li nagħmlu, li mmorru miegħu u hekk.

JA: I see.

EP: Infatti ġieli anka missieru jkun hemm f'ċertu.

JA: Missieru huwa sindku wkol Ħal-Luqa hux hekk.

EP: Ehe.

SPW: U inti għidt li normalment dawn ikunu hmm, tkunu tafu minn qabel. Ġieli ġrat per eżempju li jkun hemm każ urġenti u jgħid isma', vera mil-llum għal għada għandi bżonn xi ħadd imur l-uffiċċju? Jew illum stess per eżempju?

EP: Ġieli tiġri imma bħal ma qed ngħidlek huma għandhom il-ġranet l-uffiċini meta jiftħu, eżempju t-Tlieta jiftaħ is-Siġġiewi, l-Erbgħa r-Rabat u l-Ħamis Ħal Luqa.

SPW: Sew.

EP: Fhimt? voldieri per eżempju llejla mhux se jiftaħ ta' Ħal Luqa, jiftaħ tar-Rabat.

SPW: Ok.

CP: Iġifieri hi bħala xi ħaġa regolari eh, dana nimmaġina ibda biex jkun hemm il-Ministru hux hekk?

EP: Eh mela

CP: In-nies imorru hemm biex ikellmu lilu, jiġifieri-

EP: Normalment lilu ħa jkellmu mhux lilna.

CP: Ehe bħala ħaġa regolari jkun hemm xi ħadd minnkom miegħu?

EP: Iva, iva iva iva, jkun hemm xi ħadd minna miegħu anke ħabba n-nies barra u hekk u, biex indaħħluhom.

CP: Sewwa. Iġifieri qisha, qisha bħala xi ħaġa normali li dejjem ikun hemm xi ħadd -

EP: Iva mhux ovvja?

CP: Sewwa I see.

JA: Ikun hemm ħafna nies nimmaġina.

EP: Skont.

JA: Ehh.

EP: Skont u.

JA: U n-nies insomma jitolbukom affarijiet insomma, li normalment jitolbu konstitwenti.

EP: Hekk hu.

JA: Eh min irid ħaġa u min irid oħra.

EP: Dejjem hekk. Għallinqas dejjem hekk kien xogħoli.

SPW: Per kurżità intom, hmm normalment il-Ministru jieħu ħsieb - għax ovvjament dawn qed jiġu l-uffiċċju jridu xi ħaġa mingħandu, jew għandhom xi ilment jew xi complaint, kif iżżommu record? Intom iżżommu record jew?

EP: Le, le, kollox hu, kollox hu.

SPW: Hu kollox. Ok.

EP: Kollox il-ministru.

SPW: Orrajt. U imbagħad -

EP: U imbagħad il-cases daka jqassamhom hu. Jekk bniedem ried xi ħaġa fuq flixkun ikellem lilek, fuq it-tapp lil dan.

JA: Jaf ikollu bżonn ikellem lil xi ħadd ieħor imbagħad xi Ministeru ieħor u, għax mhux dejjem jista' jaqdih hu direttament dak li jkun.

EP: Hekk hu.

JA: U imbagħad jinkarigakom nimmaġina biex jew jew jew hu stess jew -

EP: Inkomplu l-follow up tiegħu.

JA: -Jiddependi x'inhu l-ilment x'ikun hu naħseb, aw l-ilment insomma l-complaint li jkun, ilment jiġi. Ok naħseb daqshekk hux għas-sinjur.

SPW: Min-naħa tiegħi iva.

JA: Ok. Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' Edward, fakkarni kunjomok.

EP: Portelli.

JA: Portelli dettata minnu stess fuq it-tape.

Grazzi Sur Portelli tista' tmur.

EP: Thank you.

Data tal-aħħar reviżjoni: 14 ta' Frar 2025

# Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sa. Jolene Flask

Każ: K/046

Data: 29 ta' Jannar 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika - JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju - CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - SPW

Jolene Flask - JF

---

JA: Mela eh, ara inti m'intix under investigation, int naturalment. Inti xhud hawnhekk -

JF: Eżatt.

JA: - Ta, jekk tħoss li hemm xi domanda li tista' daka -

JF: Ok.

JA: Tista' tgħidilna, però ,però,m'intix under investigation. Inti qiegħda xhud hawnhekk, u ħa ntuk il-ġurament sewwa.

JF: Alright.

JA: Mela Jolene Flask, Flask hux kunjomok?

JF: Ehe.

JA: Minn jeddha bil-ġurament tgħid. Aħlef li tgħid is-sewwa, s-sewwa kollha, u xejn inqas mis-sewwa hekk Alla jgħinek.

JF: Naħlef li ngħid is-sewwa.

JA: Bus is-salib minn hemmhekk biżżejjed. Mela sinjura, eh tgħidilna daqsxejn il-kariga tiegħek bħalissa?

JF: Jiena head of customer care il-ministeru tal-ekonomija.

JA: U kemm ilek f'din il-kariga?

JF: Ħa nagħlaq erba' snin f'Mejju li ġej.

JA: U qabel?

JF: Head of customer care, qabel kont customer care bħal sħabi l-oħra.

JA: Sewwa kont customer care mal-gvern diġà iġifieri qabel?

JF: Ilni, ilni mal-ministru mis-17, 2017 jiena.

JA: Sewwa u qabel.

JF: Kont secretarial officer u mbagħad officer, issa customer care officer.

JA: Ok iġifieri għandek esperjenza issa naqra u.

JF: Eżatt. Eżatt.

JA: Eh bħala customer care naturalment tirċievi telefonati hux hekk -

JF: Eżatt.

JA: U però tara n-nies ukoll inti?

JF: Naraw iva jiġu l-ministeru.

JA: Sewwa. Il-ministeru hawnhekk il-Belt qiegħed.

JF: Ehe.

JA: Hux hekk.

JF: Biex jaraw lilna personali as a customer care, il-ministeru jiġu.

JA: Sewwa. Issa eh ġieli bagħatkom il-Ministru jgħidilkom isma' llum għandkom bżonn, għandi bżonnkom x'imkien.

JF: Ehe.

JA: Dana taf aktar dettalji kif isiru dan, kif isir dan?

JF: Yes.

JA: Jekk hu -

JF: Jibgħatli message.

JA: Ehe.

JF: Normalment meta ma jsib lil ħadd idur għalina, u jgħidli isma tmurli l-uffiċċju eżempju ħa, Ħal-Luqa llum-

JA: Sewwa.

JF: -Wara x-xogħol? U mmorru volontarjat sas-7.

JA: Ok. U n-nies naturalment jiġu hemmhekk.

JF: Dejjem eżatt, ma jkunx jista' jmur hu u mmorru aħna u, u ngħidulhom isma l-Ministru ma setax jiġi u narawhom aħna.

JA: Ġieli, ġieli tmorru miegħu wkoll għax nimmaġina ma jmurx waħdu il-Minis-, jara n-nies waħdu.

JF: Imma ehe ġieli mmorru, ġieli jkollu bżonn lilna imma normalment ikollu helpers oħra ta -

JA: I see. Mhux lilkom.

JF: Le. Aħna qisna back up plan meta ma jsib lil ħadd.

JA: Ok, ħa jsaqsuk xi affarijiet is-sinjuri.

CP: Kemm tiġri ta' spiss din li jgħidlek tmur fl-uffiċċju tal-kostitwenza?

JF: U le mhux spiss, ma tiġrix spiss ħafna ta', rari. Ifhimni normalment imur hu, aħna mbagħad jibgħatli message, ma nafx ngħidlek kemm eżatt.

JA: Jekk tikkalkula per eżempju jien naf f'sena, kemm il-darba mort, inti, inti tgħidx-

JF: Forsi mmur sitta, seba' darbiet?

JA: Ok.

JF: F'sena, għax lanqas hu ma jmur spiss l-uffiċini jiġifieri jkollu d-dati tiegħu u, meta jmur -

CP: Ikollu, ikollu ġranet fissi fil-ġimgħa?

JF: Mhux dejjem, mhux dejjem għax ġieli jkollu l-affarijiet tal-ministeru u, iġifieri -

CP: I see.

JF: Fhimt, ma jmurx dejjem.

JA: U l-Parlament ukoll hux hekk.

JF: Mhux hekk, mhux hekk?

JA: Il-Parlament fi x'ħin daż-żmien, wara nofsinh - bejn l-erbgħa u -

JF: M'għandix idea mingħalija l-4 jkun.

JA: f'xi l-4 hux għandi jkun.

JF: Wara nofsinhar imma.

JA: Sewwa.

JF: Ma jkollix dawk ir-records f'idi.

JA: Alright. Inti, inti mill-ministeru jinteressak speċi. Alright.

JF: Jien iktar nies nara fis-sens, ikollhom bżonn xi ħaġa, għajnuna.

JA: Il-bżonnijiet tan-nies – naf li azzardata l-mistoqsija imma

JF: Fuq kollox il-bżonnijiet tan-nies ifhem, u mbagħad jekk ikun xi ħaġa tal-ministeru tagħna nirreferuhom l-entitajiet, jekk ikun ministeru ta' ħaddieħor nirreferi għal sħabi ta' ministeru ieħor u, diversi u diversi -

SPW: Kif taħdmu normalment għax hu, mela, meta hu jkun qiegħed l-uffiċċju jew ikollkom ħa voluntiera qegħdin hemmhekk, hmm kif tirċievu mbagħad intom bħala head of customer care, l-ilmenti tan-nies?

JF: Imbagħad jibgħathomna hu ta.

SPW: Hu dejjem

JF: ehe għandna sistema.

SPW: Ok.

JF: U jibgħat, jgħidli eżempju - u aħna mqassmin jiġifieri jiena nieħu ħsieb każijiet, sħabi jieħdu ħsieb każijiet differenti fhimt? Imma jgħidli dawn tiegħek u nkellimhom.

JA: Kemm qegħdin customer care?

JF: Aħna qegħdin erba'.

JA: Erba'.

JF: Ehe, erba', one, ehe erba'. Jiena u tlieta customer care.

CP: U inti l-head tagħhom hux hekk?

JF: Ehe.

CP: Meta, meta jinqala' bżonn li tmur l-uffiċċju tal-kostitwenza, x'tip ta' ħinijiet qed ngħidu?

JF: Wara x-xogħol immur iġifieri, qisu mill-5.30pm għax hawn min jispiċċa fil-5.15pm. Mill-5.30 sas-7pm? U jekk ikolli n-nies dewmuni, ġieli għamilt sas-7.30pm għax ġieli jdumu ukoll.

JA: Mhux hekk. U ġieli - naf nimmaġina jkollu ħafna nies.

JF: Mhix - skond u għax jekk narawhom aħna il-biċċa l-kbira neħilsuhom mill-ministeru n-nies jekk ikunu jistgħu. Min ma jkunx jista', eżempju anzjan jgħidli mhux ħa nitla' l-Belt, fhimt, tagħmillu apppuntament ġol-uffiċċju.

JA: U ħa nsaqsik domanda forsi mhix - kif joħoduha n-nies għax jiena naħseb ħafna drabi jippreferu jkellmu lill-Ministru direttament.

JF: Iva ġieli jkolli min telaq, ġieli ikolli min -

JA: Ma jkunux iridu -

JF: - jitilqu, ikolli. Ikolli min jgħidli isma' ħa ngħidlek, imma jekk ikollu jiġi, niġi meta jkun hawn hu nerġa' fhimt. Ikolli min jitlaq jissupervja.

JA: Iva -

JF: Issib minn kollox.

JA: Nimmaġina, nimmaġina.

SPW: Kif, kif taħdmu normalment, għax din kemmxejn - fiha x-xogħol li tiftħu żewġ uffiċċji apparti hmm, il-customer care hmm tal-ministeru, kif taħdmu normalment biex tkunu tafu min qiegħed hemmhekk fl-uffiċċji tal-konstitwenza?

JF: Ma nkunux, dawk f'idejn il-ministru ta hu jirregolahom in-nies li jmorru hemm.

SPW: Sewwa.

JF: Jiġifieri lista ta' helpers f'idejh. Jiena just jibgħatli ngħidlu ok jew isma' ma nistax, u jgħid lil xi ħadd ieħor. Ġieli ma nkunx nista' mmur u jkolli l- affarijiet tiegħi.

SPW: Qatt kien hemm ċirkostanzi fejn anki minħabba emerġenza kellek tmur per eżempju jew xi ħadd mill-istaff kellu jmur fl-4pm, per eżempju?

JF: Le ta, aħna le, tagħna.

SPW: Sewwa.

JF: Issa helpers oħra nimmaġina imorru u, skond il-ħin tax-xogħol tagħhom. Tinsiex aħna dejjem volontarjat u iġifieri anki l-helpers. Kollox voluntarjat.

JA: Jew xi pensjonant ikollu l-ħin.

JF: Eżatt, eżatt, eżatt.

JA: Ok, daqshekk naħseb hux. Grazzi sinjura, tista tmur.

JF: Thank you, il-ġurnata t-tajba.

JA: Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' Jolene Flask dettata minnha stess fuq it-tape.

JF: Thank you ħi.

Data tal-aħħar reviżjoni: 17 ta' April 2025

# Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sa. Sonia Mifsud

Każ: K/046

Data: 29 ta' Jannar 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika - JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju - CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - SPW

Sonia Mifsud - SM

---

JA: Ismek jekk jogħġbok?

SM: Sonia Mifsud.

JA: Mela sinjura eh, inti m'intix under investigation sewwa, inti xhud qiegħda hawnhekk. Ħa ntuk il-ġurament eh u naturalment jekk tħoss li hemm xi domanda li ssib diffikultà għidilna u naraw kif x'jismu.

SM: Yes yes.

JA: Però la ħa ntik il-ġurament trid tgħid il-verità sewwa?

SM: Mhux hekk mhux hekk definitely.

JA: Mela, Sonia Mifsud eh, imsejħa mill-Kummissarju bil-ġurament tgħid. Aħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollha, u xejn inqas mis-sewwa, hekk Alla jgħinek. Bus is-salib minn hemmhekk. Mela Sinjura eh, għidilna daqsxejn il-kariga tiegħek fil-ministeru bħalissa.

SM: Jiena customer care officer.

JA: U kemm ilek hemmhekk?

SM: Hmm 4 years.

JA: Sewwa, qabel fejn kont?

SM: Qabel kont naħdem ġo bank u mbagħad tlaqt, u -

JA: Sewwa.

SM: - U dħalt hawnhekk.

JA: Insomma jiġifieri għandek esperjenza ta' xogħol klerikali naturalment u –

SM: Eh customer care l-iktar.

JA: U taħdem fuq u anke l-bank kont customer care jew?

SM: Minn kollox il-bank.

JA: Bħala bank as such vera. Eh, issa l-ħinijiet tal-uffiċċju tagħkom inti hawn hekk l-Belt tkun jiġifieri ifhem -

SM: Ehe l-ministeru.

JA: il-ħinijiet tal-uffiċċju normali x’ikunu?

SM: Hmm mit-7.45 am bejn wieħed u ieħor, fi x’ħin immur jiena sal-5.15pm.

JA: Ok. Iġifieri hawnhekk taraw in-nies ukoll?

SM: Ġieli jiġu n-nies ehe.

JA: Ehe.

SM: Imma mainly l-iktar telephone.

JA: Sewwa, issa eh aħna hawnhekk ġibnik, hawnhekk minħabba li taraw in-nies fl-uffiċini tal-Ministru, li għandu fid-distrett partikolari.

SM: Ehe.

JA: Tgħidilna naqra x’inhi il-prassi kif isir dan ix-xogħol?

SM: Ifhimni meta jkun hemm bżonn il-Ministru jgħidilna hmm, taf kif, hu, għandna tlett uffiċini hmm u meta jkun hemm bżonn il-Ministru jgħidilna isma’ ma nistax immur f’dik, nirran - niftehmu bejnietna min se jmur l-uffiċċju, skond il-ġurnata -

JA: Sewwa, partikolari.

SM: - Ovvjament immorru wara l-ħin tax-xogħol, sa bejn wieħed u ieħor sal-ħamsa u kwart, ħamsa u nofs sas-sebgħa.

JA: Ok, u l-uffiċini qegħdin, fejn?

SM: Is-Siġġiewi, r-Rabat u Ħal-Luqa.

JA: Ok, ħa jsaqsuk xi affarijiet is-sinjuri ta.

CP: Mela hmm, x’ikun, kemm tkun ta’ spiss din li jkollok tmur xi uffiċini tal-kostitwenza?

SM: M’hemmx, m’hemmx regola skont il-bżonn qisu taf kif? M’hemmx, ma nistax ngħidlek kull meta, meta jkun hemm il-bżonn.

CP: U kieku kellek tgħid kemm-il darba mort is-sena li għaddiet, per eżempju?

SPW: Għajjat ftit skużani ħabba t-traffiku.

SM: Sorry, sorry, sorry. Qas naf ngħidlek roughly għax taf kif, ma nafx ngħidlek numru.

CP: U l-bżonn jinqala’ għax ma jkunx jista’ jmur il-Ministru?

SM: Mhux hekk, mhux hekk?

CP: Iġifieri normalment meta jmur il-Ministru eh ma jikkumpanjahx xi ħadd?

SM: Ifhimni ġieli jkun hemm aħna fis-sens jiena le, taf kif, ma nafx jekk ikunx hemm xi ħadd ieħor fl-uffiċċju.

CP: I see. U x'tip ta' ħinijiet qed nitkellmu fuqhom ? Fl-uffiċċju tal-kostitwenza?

SM: Bejn il-5.15pm u s-7.00pm.

CP: Ok u mbagħad eh jien naf imbagħad tieħdu time off wara per eżempju jew hekk?

SM: Ifhimni jiena għandi rispett lejn il-Ministru u mmur b'mod volontarju, jiġifieri min-naħa tiegħi ma noqgħodx nitlob imbagħad time off mix-xogħol.

CP: I see. Alright.

SPW: Mela, inti personalment ġieli mort f'xi wieħed minn dawn uffiċċji hux hekk?

SM: Iva, iva.

SPW: Tista' forsi ttina ftit idea ta' kif tiġri s-soltu, x'tagħmel?

SM: X'iġifieri, x'nagħmel meta nkun l-uffiċċju?

SPW: Meta titlaq u meta tmur hemmhekk.

SM: Ifhimni kif qed ngħid jaf I mean niftehmu min ħa jmur, imur l-uffiċċju, niftaħ l-uffiċċju, ġieli ma jiġi ħadd u ġieli jiġi xi ħadd ikun irid ikellem lill-Ministru. Ovvjament nipprova bħala customer care officer nara x'għandhom bżonn, nieħu d-dettalji, u mbagħad ngħaddihom jew lil xi kollega customer care officer skond il-każ, jew inkella lill-Ministru direttament.

SPW: Ok, eh  mela normalment il-Ministru jsaqsik, isma ħu paċenzja hawn xi ħadd li jista' jattendi llum?

SM: Ehe.

SPW: Ok, hmm jibgħat messaġġ, email, kif jaħdem normalment?

SM: Whatsapp messaġġ, whatsapp normalment.

SPW: Sewwa. Għandkom xi grupp jaqaw, u jibgħat u xi ħadd jgħid jew?

SM: Ifhimni -

SPW: - Jgħid direttament isma' inti tista' tmur?

SM: Għandna grupp tax-xogħol.

SPW: Sewwa. U hemm jibgħat il-messaġġ?

SM: Ehe, ehe.

SPW: Ok, orrajt. U inti għidt normalment bejn il-5.30 u s-7pm, hmm ġieli jew int jew xi ħadd li taf per eżempju kollega, jew xi kollega minn tagħkom kellu imur fl-4pm per eżempju biex jiftaħ l-uffiċċju tal-konstitwenza?

SM: Jien ma nafx ta, ma naħsibx.

SPW: Inti qatt mort?

SM: Jiena wara x-xogħol immur.

SPW: Sewwa, ok. Alright. U barra, barra minnkom hemm nies oħrajn li jmorru jiftħu l-uffiċċju?

SM: Jista' jkun, għax hemm helpers u ifhimni l-Ministru jista' jgħid taf kif, jista' jgħid xi helper minn tiegħu jew ma nafx.

SPW: U intom ma tkunux tafu.

SM: Le.

SPW: Sewwa.

JA: Iġifieri helpers li mhumiex impjegati mal-ministeru.

SM: Jista' jkun, ma nafx.

JA: Canvassers ngħidulhom bil-malti.

SM: Eh.

SPW: Għax fiha biċċa xogħol biex tiftaħ tlett uffiċċji u żżomm record ta' -

SM: Mhux hekk?

SPW: - u min normalment jieħu ħsieb dan ir-record bażikament ta' min qiegħed -

SM: M'għandix idea ta, ma nafx.

JA: Inti you just put you are just called mill-Ministru biex -

SM: Eżatt.

JA: - tmur u ma tafx ħaddieħor x'jagħmel jiġifieri

SM: Eżatt, eżatt.

JA: Ok u naturalment il-bżonnijiet tan-nies ivarjaw.

SM: Ivarjaw.

SPW: Tajjeb.

JA: U jkun hemm min, ikun irid jara lill-Ministru biss -

SM: Ehe jkun hemm min eżatt.

JA: U jirrifjuta li jkellimkom.

SM: Iva.

JA: Nista’ nimmaġina. Ok mela daqshekk mela. Grazzi sinjura.

SM: Orrajt.

JA: Din hija s-sustanza tax-xhieda ta’ Sonia Mifsud dettata minnha stess fuq it-tape. Tista’ tmur, grazzi.

SM: Grazzi, grazzi lilkom.

Data tal-aħħar reviżoni: 14 ta’ Frar 2025

DOKUMENT J

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

27 ta' Frar 2025

L-Onor. Silvio Schembri
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Bl-email fuq silvio.schembri@gov.mt

Onorevoli Ministru Schembri,

**Każ K/046 dwar impjegati tas-segretarjat assenjati fl-uffiċċju tal-kostitwenza**

Nirreferi għall-ittra ta' dan l-Uffiċċju tal-14 ta' April 2023 u l-korrispondenza li segwiet dwar il-każ K/046.

Skont l-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), inti intitolat li tingħata aċċess għall-provi u d-dritt tas-smigħ qabel ma dan l-Uffiċċju jiffinalizza r-rapport tiegħu dwar il-każ.

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, għandek issib annessi ma' din l-ittra d-dokumenti li ġejjin:

**Dokument A:** Traskrizzjoni tal-iskambju bejnek u bejn l-Onor. Rebekah Borg fil-Parlament fis-16 ta' Marzu 2023.

**Dokument B:** Ittra datata 16 ta' Mejju 2023 mingħand is-Segretarju tal-Kabinett.

**Dokument B1:** Dokument intitolat *Engagement of Staff for Ministers' Secretariats* (edizzjoni ta' Diċembru 2012), li kien anness mad-Dokument B.

**Dokument Ċ:** Ittra datata 23 ta' Mejju 2023 mingħand is-Segretarju tal-Kabinett.

**Dokument Ċ1:** Elenku tad-dmirijiet marbutin ma' karigi fis-segretarjati ministerjali, li kien anness mad-Dokument Ċ.

**Dokument D:** Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sur Edward Portelli.

**Dokument E:** Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sa. Jolene Flask.

**Dokument F:** Traskrizzjoni tax-xhieda tas-Sa. Sonia Mifsud.

Jekk tixtieq li tingħata aċċess għar-recordings tax-xhieda, inti mitlub tinforma lil dan l-Uffiċċju.

Permezz ta' din l-ittra inti qiegħed ukoll tingħata l-opportunità biex tagħmel sottomissjonijiet finali. Inti mitlub tagħmel dan sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 28 ta' Marzu 2025**. Bħala parti mis-sottomissjonijiet tiegħek tista' jekk tixtieq tippreżenta provi dokumentarji ġodda għall-konsiderazzjoni ta' dan l-Uffiċċju, jew tipproponi li tinġabar aktar xhieda orali.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika